## Seduta Nru. 29

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Diċembru, 1998

## Deċiżjoni tas-Sedja dwar punt imqajjem mill-Onor. Alfred Sant, Kap tal-Oppożizzjoni jekk Mozzjoni għandhiex tiġi diskussa fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra qabel tiġi mgħoddija mill-Parlament

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, *on a point of order.*

**ONOR. ALFRED SANT:** Fl-aġenda li għadha kemm tressqet mill-ministru għall-politika soċjali hemm mozzjoni li għandha x'taqsam ma kif se nirregolaw ix-xogħol tal-Kamra inkwantu għall-abbozz ta' liġi dwar il-VAT. Jista' jekk jogħġbu l-ministru jinformana jekk din għaddietx jew ġietx diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra?

**MR SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Abbozz ta' din il-mozzjoni ta' proċedura għaddejtu f'idejn il-*whip* ta' l-oppożizzjoni nhar l-Erbgħa li għadda. Jien informajtu li minħabba t-*three day notice* kelli nippreżentaha l-Erbgħa stess, pero' staqsejtu jekk l-oppożizzjoni tridx li aħna nitolbu lill-iSpeaker isejjaħ laqgħa tal-*House Business Committee* biex niddiskutuha hemmhekk. Il-*whip* ta' l-oppożizzjoni informani li ried jikkonsulta u ġie jkellimni kwarta jew 20 minuta wara fejn qalli li l-oppożizzjoni kienet se żżomm laqgħa tal-grupp parlamentari tagħha l-Ħamis, l-għada, u wara jinformawni. Jien informajt lill-*whip* - u għidtlu li jista' jikkwotani uffiċjalment - li jien kont se nibqa' miftuħ għas-suġġerimenti li l-oppożizzjoni tkun tista' tagħmilli fir-rigward ta' din il-mozzjoni. Minn dakinhar sal-lum ma erġajt ġejt avviċinat minn ħadd.

**ONOR. ALFRED SANT:** Jiġifieri qed nifhem tajjeb li din ma ġietx diskussa fil-*House Business Committee*?

**MR SPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Diġa' spjegajt li jien tlabt li ssir laqgħa tal-*House Business Committee*.

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Nerġa' nistaqsi: Hija l-prattika li mozzjoni bħal din titressaq l-ewwel quddiem il-*House Business Committee*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Nirripeti għat-tielet darba li jien stedint lill-*whip* ta' l-oppożizzjoni biex din il-mozzjoni ta' proċedura tiġi diskussa f'laqgħa tal-*House Business Committee* l-Erbgħa, qabel ma ppreżentajt il-mozzjoni lill-Iskrivan tal-Kamra. Ir-risposta li jien ħadt kienet li l-oppożizzjoni kellha laqgħa tal-grupp parlamentari l-Ħamis u allura kelli nirċievi risposta wara.

**ONOR. ALFRED SANT:** Imma hija l-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee*? (Interruzzjonijiet)

**MR SPEAKER:** Inżommu ftit ordni ħalli nkunu nafu x'inhu jingħad.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** L-opportunita' lill-oppożizzjoni biex din tiġi diskussa fil-*House Business Committee* saret u saret darbtejn.

**ONOR. ALFRED SANT:** Jien irrid inkun naf jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee.* Iva jew le? (Interruzzjonijiet)

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, jien m'għandix għalfejn nirripeti dak li għidt. Offrejt darbtejn, anzi tliet darbiet biex tissejjaħ laqgħa tal-*House Business Committee.*

**ONOR. ALFRED SANT:** Mhux toffri trid għax *it takes two to tango.* Jien qed nistaqsik: Hija l-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee*?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Li nista' ngħid jien hu li minn nhar l-Erbgħa sal-lum din hija l-ewwel darba li l-Kap ta' l-Oppożizzjoni qiegħed jagħmel xi forma ta' kumment dwar il-*procedure motion*.

**ONOR. ALFRED SANT:** Sur President, jien qed nistaqsi jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee.* Mhux noqogħdu ninħbew quddiem il-*fudge* li nistaqsu x'taħseb l-oppożizzjoni.

**MR SPEAKER:** Jien naħseb li smajna biżżejjed issa. (Interruzzjonijiet) Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, *on a point of order*.

**ONOR. ALFRED SANT:** Il-*point of order* tiegħi huwa jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mela issa f'din il-Kamra spiċċajna nagħmlu *session* ta' *question and answer*! Hawn ġew ma nimxux bi *question and answer*.

**ONOR. ALFRED SANT:** Jien nitlob *ruling*, Sur President.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** *Ruling* fuq xiex? X'*ruling* qed titlob?

**ONOR. ALFRED SANT:** Jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee.* (Interruzzjonijiet)

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mela r-*rulings* jintalbu hekk, biex bniedem jaqta' kurżita'! Fuq xiex inhu dan ir-*ruling*? X'*ruling* hu? Dan m'huwiex *point of order*, Mr Speaker. Dan m'huwiex *point of order.*

**ONOR. ALFRED SANT:** Qed nitlob *ruling*, Sur President, fuq jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din titressaq quddiem il-*House Business Committee*.

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Mr Speaker, jekk il-Kap ta' l-Oppożizzjoni jrid jagħmel *point of order* jagħmlu imma għandu jikkwota r-regolament u mhux jagħmel mistoqsija.

**ONOR. ALFRED SANT:** Qed nagħmel *point of order*, Sur President, u l-Onor. Gonzi m'għandux dritt li jipprova jdawwar dak li qed ngħid jien. Il-mistoqsija hija jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din għandhiex l-ewwel titressaq quddiem il-*House Business Committee*.

**MR SPEAKER:** Jekk jogħġobkom titkellmux f'daqqa. Jien naħseb li wieħed irid jistabilixxi ċerta relazzjoni ta' diskors.

**ONOR. ALFRED SANT:** Tajjeb! Mela, Sur President, iċċensura lill-Onor. Gonzi li waqqafni u daħal fuqi meta kont qed nitkellem jien.

**MR SPEAKER:** Naħseb li kien hemm *cross debate* fejn wieħed ma tax ċans lill-ieħor jitkellem.

**ONOR. ALFRED SANT:** Mela ċċensura lit-tnejn fil-każ! (Interruzzjonijiet) Mhux int waqqaftni!

**MR SPEAKER:** Kien qiegħed jitkellem il-Ministru Gonzi fejn kien qed qiegħed jispjega l-pożizzjoni min-naħa tal-gvern. F'dan il-mument jien naħseb li smajna biżżejjed u issa lest li ngħaddi biex naġġorna l-Kamra għal għada s-Sibt. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ALFRED SANT:** Le, skużi, Sur President! Qed nitlob *ruling* u ma noqogħdux nilagħbu iktar. Qed nitlob *ruling* dwar jekk hijiex il-prattika li mozzjoni bħal din l-ewwel titressaq quddiem il-*House Business Committee*. Għid iva jew le jekk għandek il-ħila! (Interruzzjonijiet) (Għajjat) Int qed tgħid li m'huwiex *point of order*? (Interruzzjonijiet) (Għajjat) Issa aħjar ukoll!

**MR SPEAKER:** Il-Ministru. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Jimporta nitkellem ftit jien issa. (Interruzzjonijiet) Ippermettuli ftit. Mr Speaker, bir-rispett kollu għamilna laqgħa tal-*House Business Committee* li damet għaddejja sagħtejn u nofs u jien qlajt fwiedi biex nipprova nikkonvinċi lill-membri min-naħa ta' l-oppożizzjoni ħalli jagħtuni xi indikazzjoni biex inkunu nistgħu nfasslu programm ħalli nkunu nistgħu niddibattu din il-liġi. (Interruzzjonijiet) Jiġifieri qed jikkonferma li hekk hu. Wara li għamilt dan il-ħin kollu nistieden lill-membri ta' din il-Kamra jaraw it-traskrizzjoni ta' dak li ntqal fil-*House Business Committee*, it-tweġiba finali kienet li l-gvern għandu r-regolamenti kollha, għandu l-proċeduri stabiliti anke bil-Kostituzzjoni - u ġiet ikkwotata anke l-Kostituzzjoni - u għalhekk għandu juża l-metodi tiegħu. Din kienet it-tweġiba. Jiġifieri kieku ridt, wara l-laqgħa tal-*House Business Committee* ta' nhar it-Tnejn, jien stajt qbadt, ktibt il-mozzjoni ta' proċedura, ippreżentajtha u ma kont ngħid xejn lil ħadd għaliex wara kollox dan hu preċiżament x'qaltli biex nagħmel l-oppożizzjoni. Imma d-diċenza min-naħa tal-gvern, u allura min-naħa tiegħi, kienet titlob - kif fil-fatt għamilt - li jien nitkellem mal-*whip* tan-naħa ta' l-oppożizzjoni u ngħidlu: Din se nippreżentaha u rrid bilfors nippreżentaha l-Erbgħa minħabba li se nġibha għad-diskussjoni s-Sibt.

Dak inhar kont għidtlu wkoll: Jien lest li nitlob lill-iSpeaker biex illejla stess, jiġifieri l-Erbgħa, iżomm laqgħa tal-*House Business Committee* biex niddiskutu dan l-abbozz. Għidlu m'inix se nippreżenta l-abbozz ta' din il-mozzjoni qabel ma inti tgħidli jekk għandniex nagħmlu laqgħa tal-*House Business Committee* biex niddiskutuh. It-tweġiba tiegħu kienet - l-Onor. Mizzi qiegħed hawnhekk, jekk irid issa jqum u jgħidli li minn dan kollu m'hu veru xejn - li se jmur jikkonsulta. Jien tajtu kopja ta' l-abbozz f'idejh, b'dokument ieħor li m'huwiex parti mill-abbozz, li prattikament jagħti l-ħinijiet kollha tad-dibattitu, u l-Onor. Mizzi ġie 20 minuta wara u qalli: Aħna għandna laqgħa tal-grupp parlamentari Laburista għada l-Ħamis u konsegwentement m'huwiex għaqli li ssir laqgħa tal-*House Business Committee* llejla, imbagħad nerġa' nkellmek.

Jien dak il-ħin, quddiem l-Onor. Mario Galea - nerġa' nirripeti li jekk mhux veru l-Onor. Mizzi jikkoreġini issa - għidtlu: Jien allavolja se nippreżenta l-mozzjoni llejla biex tidħol fil-*motion book* xorta ninsab miftuħ għas-suġġerimenti tan-naħa ta' l-oppożizzjoni għiduli wkoll biex fil-laqgħa tal-grupp parlamentari jikkwotani uffiċjalment - u wżajt il-kelma "uffiċjalment" - fuq din. U għadda l-Erbgħa, għadda l-Ħamis u sal-lum il-Ġimgħa l-unika darba li smajt xi forma ta' kumment kien illejla f'dan il-*point of order* li qed iqajjem il-Kap ta' l-Oppożizzjoni. (Interruzzjonijiet) Jien ma nafx imma ppermettuli nistaqsi: X'irid isir iktar minn

hekk? X'jista' jsir iktar minn hekk, Onor. Kap ta' l-Oppożizzjoni?

**MR SPEAKER:** Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Din l-istqarrija kollha tikkonferma l-*point of order* tiegħi, Sur President. (Interruzzjonijiet) Qed jgħidu li mhux *point of order.* X'jiġifieri mhux *point of order*! Iva, *point of order* u l-*point of order* huwa dan, Sur President. (Interruzzjonijiet) (Għajjat)

**MR SPEAKER:** Jekk jogħġobkom inżommu l-ordni.

**ONOR. ALFRED SANT:** Hu qal li ried u lili ma jħallunix nitkellem!

**MR SPEAKER:** Onor. Membri, inżommu l-ordni. Il-Kap ta' l-Oppożizzjoni għandu l-fakulta' li jitkellem.

**ONOR. ALFRED SANT:** Għadna kemm smajna stqarrija twila u sħiħa li tikkonferma l-*point of order* tiegħi, Sur President. Jiġifieri hawnhekk għandna mozzjoni ta' proċedura li tressqet u ġie ammess ukoll mill-Kap tal-Kamra li kien se jressaqha quddiem il-*House Business Committee*. Il-kwestjoni hija sempliċement jekk għandhiex titressaq qabel jew wara li jiltaqa' l-grupp parlamentari Laburista. (Interruzzjonijiet) Issa l-punt huwa dwar jekk hijiex il-prattika li mozzjoni ta' proċedura bħal din l-ewwel tiġi diskussa quddiem il-*House Business Committee*. X'żamm lill-Kap tal-Kamra milli jsejjaħ *House Business Committee* biex kif jiġri s-soltu tiġi diskussa din il-mozzjoni ta' proċedura? (Interruzzjonijiet) (Għajjat) Din hi l-mistoqsija. Din hi l-mistoqsija. (Interruzzjonijiet) (Għajjat)

**MR SPEAKER:** Il-Kamra hija sospiża għal ftit minuti.

*Il-Kamra ġiet sospiża fl-10.00 p.m. u rriżumiet fl-10.25 p.m.*

## RULING TA' MR SPEAKER

**MR SPEAKER:** Dwar il-punt imqajjem mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, is-Sedja kkonsultat mar-*records* tal-parlament u jirriżulta li l-Mozzjoni Nru. 81 mgħoddija mill-parlament fit-13 ta' Ottubru, 1997 ma kenitx ġiet diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Xorta waħda s-Sedja tirrileva li m'hemm l-ebda regolament tal-Kamra li jgħid li mozzjoni simili trid tiġi l-ewwel diskussa fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.